## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 978/2013 MS*

**Helen Borg, Peter Paul Mallia, Antoine Mallia u Dorienne Cutajar**

**Vs.**

**Anthony Pace u Anna Pace**

Illum, 11 ta' Lulju 2025

Kawża Numru: 3

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-atturi fl-14 t'Ottubru 2013, li permezz tiegħu, wara li ippremettew dan li ġej:

> Illi d-defunta Josephine Mallia mietet xebba u kellha erba ahwa ohra ossia lill-intimata Anna Pace, lill-esponenti

Helen Borg, lil Mary Camilleri u lil lum defunt Carmel Mallia. Ulied l-imsemmi Carmel Mallia huma r-rikorrenti Peter Paul Mallia, Antione Mallia u Dorienne Cutajar;

Illi r-rikorrenti kienu qrib hafna tad-defunta Josephine Mallia, ghamlu hafna maghha u anke kienu jafu li lejn l-ahhar snin ta' hajjitha hija kellha problemi kbar ta' sahha li anke kienu jaffetwaw il-volonta tgahha minhabba li kienet tinsa hafna u anke kienet tiehu kura specjalizzata ghal dan il-fatt taht il-harsien tal-ispecjalista Mr. Anthony Galea Debono;

Illi t-tabib tal-familja kuranti tal-imsemmija Josephine Mallia kien Dr. Stanley Farrugia Randon MD li wkoll kien okkoran mill-kundizzjoni medika tal-imsemmija Mallia u anke kien jaministralha kura minhabba fl-imsemmija kundizzjoni;

Illi lejn l-ahhar zminijiet ta' hajjitha, l-intimati hadu litteralment taht idejhom lill-imsemmija Josephine Mallia, u raw kif għamlu biex hadulha bostha mill-flus kontanti li hija kellha u dana kontra l-volonta tagħha u dana peress li d-defunta Josephine Mallia qatt ma' riedet li tagħti l-flus lill-intimati wehidhom a skapitu tar-rikorrenti u l-ahwa l-ohra. Illi l-intimati gieghlu kontra l-volonta ta' Josephine Mallia, bi zball, b'theddid u bi vjolenza u b'eghmil doluz sabiex tiffirma kuntratt ta' donazzjoni ta' Euro 159,000 liz-zewg intimati f'ishma indaqs, u dana skond l-imsemmi att ta' donazzjoni datat 23 ta' Frar 2010 in atti Nutar Patrizia Mallia; [Dok A];

Illi l-esponenti ma' waqfux hemm, u dak inhar stess ghand l-istess Nutar Patrizia Mallia geghelu lill-imsemmija defunta Josephine Mallia taghmel ukoll testment fejn prattikament l-intimati Mallia komplew hadu ghalihom bosta mill-assi ereditarji li kellha l-imsemija llum defunta u dana a skapitu tar-rikorrenti u l-ahwa l-ohra. Illi dana l-imsemi testment [dok B] Josephine Mallia ghamlitu kontra l-volonta taghha, bi zball, b'theddid, bi vjolenza u b'eghmil doluz biex hija tiffirma l-istess testment kif hawn spjegat;

Illi b'hekk il-kunsens ta' Josephine Mallia, sia ghall-kuntratt ta' donazzjoni msemmi u t-testment it-tnejn datati 23 ta' Frar 2010 in atti Nutar Patrizia Mallia, gie mehud b'mod illegittimu, b'theddid, bi vjolenza, bi frodi, kontra l-volonta taghha u bi zball stante li l-imsemija Mallia kienet strument f'idejn l-intimati li abbuzaw minnha u li għalhekk iz-zewg kuntratti imsemmija għandhom jigu annullati;

Illi l-intimati qed jichdu it-talbiet tar-rikorrenti u għalhekk kellha ssir dina l-kawza;

Illi l-esponenti taf bil-fatti fuq imsemmija;

l-istess atturi għaddew biex talbu lil din il-Qorti, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u jingħataw il-provvedimenti opportuni, jogħġobha:

> 1.Tiddikjara u tiddeciedi li meta ffirmat sia l-kuntratt ta' donazzjoni u it-testment it- tnejn datati 23 ta' Frar 2010 fl-atti tan-Nutar Patrizia Mallia, il-kunsens tad-defunta Josephine Mallia gie karpit b'eghmil doluz, bi vjolenza, theddid da parti tal-intimati u li l-kunsens ta' Josephine Mallia fl-imsemmi kuntratti gie moghti bi zball ta' fatt, kif ukoll li l-imsemmija atti pubblici huma simulati;
>
> 2. Tiddikjara konsegwentement li l-att ta' donazzjoni bejn Josephine Mallia u l-intimati datat 23 ta' Frar 2010 u it-testment ta' Josephine Mallia bl-istess datat u t-tnejn in atti tan-Nutar Patrizia Mallia, huma it-tnejn nulli, u invalidi u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;
>
> 3.Tinnomina Nutar Publiku kif joghgobha dina l-Onorabbli Qorti sabiex jaghmel dawk l-atti mehtiega per konsegwenza tal-ewwel u it-tieni talba fic-citazzjoni odjerna, liema atti ghandhom jigu registrati fir-Registru Pubbliku u fir-Registru tal-Artijiet skond il-ligi;
>
> 4.Tinnomina kuraturi ghall-eventwali kontumacja u tiffissa jum hin u lok ghal imsemmija pubblikazzjoni tal-imsemmija kuntratti jekk ikun il-kaz;
>
> Bl-ispejjez u b'hekk l-intimati jibqghu minn issa ngunti għas-subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata imressqa mill-konvenuti fis-6 ta' Novembru 2013[1], li biha huma eċċepew hekk:

> 1. Illi preliminarjament, il-gudizzju ma jistax ikun wiehed integru, stante illi Mary Camilleri, li tigi oht il-kontendenti u wahda mill-erdi tad-defunta Josephine Mallia, ma gietx inkluża f'dawn il-proċeduri u kwindi dawn il-proceduri huma monki;
>
> 2. Illi preliminarjament ukoll ir-rikors promutur jippekka in kwantu hemm indikazzjonijiet zbaljati fil-karti tal-identita ta' whud mill-partijiet.
>
> 3. Illi fit-tielet lok, u wkoll minghajr pregudizzju ghas-sueccepit l-azzjoni promossa mill-atturi hija wkoll legalment insostenibbli u nulla peress illi fl-istess nifs qedin jittentaw jannullaw zewg atti pubblici abbazi ta' zewg kuncetti u dispozizzjonijiet legali kompletament distinti u differenti

[1] Fol.16.

minn xulxin u cioe' fuq naha wahda abbazi ta' allegat vizzju fil-kunsens u fuq in-naha l-ohra abbazi ta' allegat simulazzjoni. Dawn iz-zewg kuncetti legali japplikaw ghalihom elementi kostitutivi differenti ghal kollox minn xulxin u kawza bhal din mhiex permissibbli u hija nulla ghaliex il-kuncett ta' vizzju ta' kunsens u simulazzjoni ma jistghix jizzewgu ma xulxin.

4. Illi fir-raba lok u dejjem in linea preliminari, it-talbiet attrici huma legalment insostenibbli ukoll in kwantu r-rikorrenti ma jistghux, permezz tal-kawza odjerna jattakkaw fl-istess kawza zewg atti pubblici illi ghandhom natura legali distinta u separata minn xulxin; di fatti trasferimenti inter vivos li jsiru permezz ta' donazzjoni huma regolati b'disposizzjonijiet specifici, migbura fit-Titolu XIV tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema disposizzjonijiet jippreskrivu cirkostanzi specifici illi fihom tali trasferimenti jistghu jigu attakkati. Bl-istess mod, trasferimenti illi jsiru causa mortis permezz ta' testment, huma ukoll regolati b' disposizzjonijiet specifici, kontenuti fit-Titolu III tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema disposizzjonijiet jippreskrivu ukoll cirkostanzi specifici illi fihom tali trasferimenti jistghu jigu attakkati. Ir-rikorrenti ma jistgħux jitfghu f'kappa wahda l-imsemmija atti pubblici (li l-ligi stess titratta b'mod individwali u separat) u jipprovaw jikkontestaw il-validita' ta' dawn l-atti tramite kawza wahda meta l-elementi sostantivi rikjesti mill-ligi sabiex tigi attakkata l-validita' ta' kuntratt ta' donazzjoni huma distinti u separati mill-elementi rikjesti mill-ligi sabiex jigi attakkat testment. Anke mill-lat procedurali iz-zewg azzjonijiet ma jistghux jissussistu f'kawza wahda peress illi il-legittimi kontraditturi huma differenti.

5. ILLI fil-mertu, u dejjem minghajr pregudizzju għall-premess, dato ma non koncesso li ma jigux akkolti l-eccezzjonijiet sudetti, bil-qima jinghad illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes in kwantu kif ser jigi ampjament ipprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, fil-mument illi fih d-defunta Josephine Mallia ffirmat sia l-kuntratt ta' donazzjoni u kif ukoll it-testment mertu tal-proceduri de quo, l-konvenuti ma ezercitaw ebda qerq, dolo, vjolenza jew tgheddid fil-konfront taghha, u di piu l-istess defunta ma kienet afflitta minn ebda zball ta' fatt kif lanqas ma kien hemm ebda simulazzjoni kif qed jallegaw l-atturi.

6. Illi lanqas ma jezisti ebda nuqqas ta' forma jew fis-sustanza li effettivament jirrendi l-istess l-imsemmija atti pubblici nulli u bla effett.

7. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante li meta saru l-imsemmija testment u donazzjoni, Josephine Mallia kienet u baqghet anke wara pjenament konxja ta' dak li kienet qeda u li riedet taghmel b'gidha u agixxiet pjenament fil-

> liberta kollha tagħha u dan kif sejjer jirrizulta bl-aktar mod ampju u car waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Jigi senjalat illi r-rikorrenti konvenjentament jaghzlu illi ma jsemmux illi fl-istess epoka, sahansitra ftit zmien wara li saru l-imsemmija atti, l-istess Josephine Mallia kienet tat donazzjoni ta' flus ukoll lill-istess rikorrenti.
>
> 8. Illi, fi kwalsiasi kaz, u minghajr pregudizzju ghall-permess, it-talbiet attrici ma jistghux u m'ghandhomx jigu akkolti in kwantu, kif ser jigi ipprovat waqt t-trattazzjoni tal-kawza, r-rikorrenti, bl-agir taghhom infushom, irrikonoxxew u accettaw il-validita' legali tal-atti pubblici in kwistjoni; u dan inter alia peress illi l-istess rikorrenti gja kienu taw struzzjonijiet lin-Nutar sabiex tiehu dawk il-passi mehtiega sabiex jigu zbankati l-flejjes mertu tal-wirt u kulhadd jiehu sehemu u gja ffirmaw id-dokumentazzjoni mehtiega u allura ma jistghux jigu issa u jmorru kontra dak stess li ffirmaw.
>
> 9. Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti ossia, eccezzjonijiet ulterjuri.
>
> Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

3. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, u l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

4. Rat is-sottomissjonijiet bil-kitba li ġew preżentati;

5. Rat li l-kawża ġiet imħollija għal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

6. Illi din hija kawża li permezz tagħha l-atturi jridu lil din il-Qorti tiddikjara nulli u bla effett testment magħmul minn Josephine Mallia fit-23 ta’ Frar 2010 fl-atti tan-Nutar Patrizia Mallia kif ukoll donazzjoni magħmula fl-istess data u fl-atti tal-istess nutar minn Josephine Mallia lill-konvenuti, u dan billi l-kunsens tal-istess Josephine Mallia kien vizzjat: (i) b’għemil doluż; (ii) bi vjolenza u theddid; (iii) bi żball ta’ fatt; u billi wkoll l-imsemmija atti huma simulati.

7. Tajjeb li qabel xejn jiġu rikapitulati l-fatti kif emerġenti mill-provi.

8. Josephine Mallia tiġi oħt il-konvenuta u l-attriċi Helen Borg, u oħt missier l-atturi l-oħrajn. Hija kienet xebba u kienet tgħix ġewwa Birkirkara ma' ħuha Dun Anton Mallia[2] u ma' oħtha xebba wkoll Jane. Jane kienet l-ewwel li mietet[3]. Sakemm dam ħaj Dun Anton, jidher li kien jamministra l-flus ta' oħtu hu. Dun Anton però miet fis-sena elfejn u disgħa[4], u kwindi qabel Josephine Mallia[5].

9. Il-konvenuta xehdet li hija kienet tagħti serviġi lil ħutha Dun Anton Mallia u Josephine Mallia sa minn dak iż-żmien, konsistenti minn ħasil ta' ħwejjeġ, ħasil tad-dar u xirijiet[6]. Dun Anton kien jgħaddilha żewġ liri għal kull ħasla ħwejjeġ li kienet tagħmel.

10. L-attriċi Helen Borg tgħid li minn dak iż-żmien Josephine Mallia diġà kienet tbati mill-kundizzjoni magħrufa bħala *Parkinson's Disease*, u minħabba f'hekk kellha problemi ta' mobilità kif ukoll sabiex tikkomunika. Il-konvenuta tikkonfermah dan, u tgħid li mal-avvent ta' din il-kundizzjoni, hija bdiet tagħti aktar serviġi lill-oħtha u lil ħuha Dun Anton[7]. U meta Dun Anton kien jagħmel xi żmien rikoverat minħabba intervent mediku, Josephine Mallia kienet tmur tgħix għand il-konvenuti[8]. Biss il-konvenuta tgħid li meta Dun Anton Mallia kien għadu ħaj, Josephine Mallia kienet timxi bil-bastun u toħroġ weħidha[9].

11. Matul il-ftit jiem li Dun Mallia għamel l-isptar sakemm miet, Josephine Mallia għexet id-dar t'oħtha l-attriċi Helen Borg[10]. Minħabba f'dawn id-diffikultajiet, l-attriċi Helen Borg u l-konvenuta tkellmu fis-sens li ma kienx ideali li Josephine Mallia tibqa' tgħix weħidha, u l-konvenuta aċċettat li tibda tgħix fid-dar tagħha u tal-konvenut.

12. L-attriċi Helen Borg tgħid li hekk kif Josephine Mallia marret tgħix mal-konvenuti, dawn bidlu l-kamra tal-banju. Hija kienet iżżur lill-oħtha fid-dar tal-

[2] Ara x-xiehda tal-attur Antoine Mallia, a fol.38B.
[3] Ara x-xiehda tal-konvenuta, a fol.95.
[4] Ara x-xiehda tal-attur Antoine Mallia, a fol.38B.
[5] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attriċi Helen Borg, a fol.35.
[6] Ara x-xiehda tal-konvenuta, a fol.94, kif ukoll ix-xiehda bl-affidavit tal-konvenut, a fol.259.
[7] Ara x-xiehda tal-konvenuta, a fol.96.
[8] Ara x-xiehda tal-konvenuta, a fol.98.
[9] Ara x-xiehda tal-konvenuta, a fol.100, u a fol.123.
[10] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attriċi Helen Borg, a fol.35.

konvenuti, u tgħid li f'dawk iż-żminijiet oħtha kienet tbati minn memorja ħażina (tant li lanqas kienet tiftakar min kien imur jaraha) u anki kienet tbati ħafna biex titkellem[11]. Minn meta kienet tgħix għand il-konvenuti, Josephine Mallia tat prokura lill-konvenuta biex tamministralha ħwejjiġha[12]. Din il-prokura saret fl-24 ta' Lulju 2009, u ġiet tranżuntata b'att magħmul min-Nutar Christopher Gatt fl-istess jum[13]. Il-konvenuta xehdet li l-flus ta' Josephine Mallia kienu jintużaw biex jitħallsu spejjeż relatati magħha stess, u preżentat rendikont ta' dawn l-ispejjeż[14].

13. Fis-26 t'Awwissu 2009, il-Psikjatra Etienne Muscat irrilaxxa ċertifikat li bih sab li Josephine Mallia kellha l-kapaċità testamentarja meħtieġa[15], u li hija kienet «*cognitively intact*»[16]. Ġie spjegat li dan sar fuq struzzjonijiet tan-Nutar Christopher Gatt, li kien in-nutar li kien jieħu ħsieb l-affarijiet ta' Dun Anton. Il-konvenuti jgħidu li n-Nutar Gatt kien mitkellem minnhom fuq struzzjonijiet ta' Josephine Mallia għaliex riedet tagħmel xi laxxiti favur tagħhom[17]. Skont il-konvenut, sabiex id-donazzjoni tkun tista' ssir Josephine Mallia kienet illikwidat xi investimenti li kellha fuq il-Borża[18]. Fil-fatt ġew eżebiti dokumenti li jidhru iffirmati minn Josephine Mallia li permezz tagħhom ingħataw struzzjonijiet relatati mal-bejgħ ta' strumenti finanzjarji[19].

14. B'kuntratt magħmul fit-23 ta' Frar 2010 fl-atti tan-Nutar Patrizia Mallia[20] (minn issa 'l quddiem imsejjaħ biss bħala «id-Donazzjoni», «il-Kuntratt» jew «il-Kuntratt tad-Donazzjoni»), Josephine sive Jessie Mallia ittrasferiet lill-konvenuti b'titolu ta' donazzjoni fi kwoti ugwali bejniethom is-somma kumplessiva ta' €159,000. Mallia fuq dan l-att iddikjarat li «*…hija qiegħda tagħmel din id-donazzjoni bħala kumpens u rikonoxximent għall-kura u għas-serviġi li l-imsemmija konjuġi Pace ipprestaw lill-imsemmija Jessie Mallia sal-ġurnata tal-*

[11] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attriċi Helen Borg, a fol.36.
[12] Ara x-xiehda ta' Dr Christopher Gatt, a fol.384, u l-kopja tal-prokura, a fol.367.
[13] Fol.409.
[14] Fol.119.
[15] Ara x-xiehda ta' Dr Etienne Muscat, a fol.373-374.
[16] Fol.44.
[17] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut, a fol.260.
[18] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut, a fol.260.
[19] Fol.294-299.
[20] Fol.5.

*lum, li qegħdin jipprestawlha fil-preżent, u li se jkomplu jipprestawlha tul ħajjitha kollha*».

15. Fl-istess jum, u fl-atti tal-istess nutar, l-istess Josephine sive Jessie Mallia għamlet testment[21] (minn issa 'l quddiem imsejjaħ biss «it-Testment») li bih ħassret u rrevokat kull testment ieħor preċedenti li setgħet għamlet, u ħalliet numru ta' prelegati lill-konvenuta, fosthom is-somma ta' €47,000 kif ukoll ishma indiviżi minn diversi immobbli. Mallia imbagħad innominat bħala werrieta tagħha lill-ħutha l-konvenuta, lill-attriċi Helen Borg kif ukoll lil Charles Mallia u Mary Camilleri, u dan fi kwoti ndaqs bejniethom u bis-sostituzzjoni volgari favur uliedhom jew id-dixxendenti tagħhom fil-każ ta' premorjenza, u fin-nuqqas, bid-dritt t'akkrexximent bejn l-istess werrieta. Mat-Testment ġie mehmuż ċertifikat mediku datat fl-istess jum minn Dr David Tanti[22], fis-sens li Josephine Mallia kienet orjentata pjenament dwar żmien, post u persuni. Ingħad li hija kellha kapaċità ordinarja biex titkellem u li kellha l-kapaċità biex tagħmel testment.

16. Kemm il-Kuntratt u kemm it-Testment saru fir-residenza tal-konvenuti. In-Nutar Patrizia Mallia li ppubblikat iż-żewġ atti xehdet li kienet taf lil Josephine Mallia qabel dakinhar tal-pubblikazzjoni, peress li kienet ġiet inkarigata mis-suċċessjoni ta' Dun Anton Mallia[23]. Hi spjegat li apparti meta ltaqgħet ma' Josephine Mallia meta ġew pubblikati l-Kuntratt u t-Testment, Mallia ltaqgħet ukoll man-Nutar Christopher Gatt[24], li miegħu ix-xhud kienet tikkollabora, mill-anqas tliet darbiet bi tħejjija għar-redazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' dawn l-atti. In-Nutar Gatt però ma setax jiftakar dawn l-okkażjonijiet. Għaż-żewġ atti pubbliċi kien hemm preżenti żewġ xhieda, li kienu Dr David Tanti u ċertu Loredana Overend. In-Nutar Mallia xehdet li l-konvenuti ma kienux preżenti meta sar it-testment billi telqu mill-kamra fejn sar[25]. Waqt il-qari tat-testment, in-Nutar Mallia staqsiet lit-testatriċi kinitx ċerta li xtaqet tippreferi lill-konvenuta fuq ħutha l-oħrajn, u din wieġbet: «*Jekk ma nħallix lil Annie lil min tridni nħalli?*»[26].

[21] Fol.7.
[22] Fol.322.
[23] Ara x-xiehda ta' Dr Patrizia Mallia, a fol.57.
[24] Ara x-xiehda ta' Dr Patrizia Mallia, a fol.317.
[25] Fol.62. Iżda fl-aħħar depożizzjoni tiegħu fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2025, Dr David Tanti xehed li l-konvenuti kienu preżenti.
[26] Fol.317.

17. Wara xi sena tgħix mal-konvenuti, Josephine Mallia marret toqgħod f'dar tal-anzjani fir-Rabat ta' Malta. Hemmhekk damet madwar sena u ħames xhur[27], u kienet għadha tbati minn diffikultajiet kbar biex titkellem u tikkomunika[28]. L-atturi jgħidu li d-dar tal-anzjani kienet titħallas minn Josephine Mallia stess, u l-ħlas kienet tagħmlu l-konvenuta li kienet qed tamministralha ħwejjiġha. Wara r-Rabat, Josephine Mallia marret San Vinċenz de Paule u wara xi sena, mietet fit-23 ta' Novembru 2012.

18. Qabel mewtha, ħutha kienu qasmu s-somma ta' €100,000 bejniethom. Intqal mill-attriċi Helen Borg li dan sar sabiex Josephine Mallia ma tkunx tidher li għandha ħafna attiv. Għalhekk sar kuntratt ta' donazzjoni ieħor fl-atti tan-Nutar Mallia fit-30 ta' Jannar 2012[29], u l-ħlasijiet minn Mallia lill-ħutha jidher saru dakinhar stess[30]. Anki f'dik l-okkażjoni sar ċertifikat mediku minn Dr David Tanti dwar il-kapaċità mentali ta' Josephine Mallia[31].

19. L-atturi jgħidu li t-tabib kuranti ta' Josephine Mallia kien Dr. Farrugia Randon, u warajh ibnu[32]. B'danakollu irriżulta li Dr David Tanti, li kien it-tabib tal-konvenuti, kien jinvista lil Josephine Mallia wkoll, kemm meta kienet tgħix mal-konvenuti u kemm wara meta marret tgħix ir-Rabat u eventwalment San Vinċenz de Paule[33]. Fit-23 ta' Lulju 2009, huwa rrilaxxa ċertifikat li bih sab li Josephine Mallia kienet «*mentally capable of managing her assets*»[34]. Dan sar wara li huwa eżegwixxa test speċifiku bil-għan li jistabbilixxi l-kapaċità mentali tal-pazjenta[35].

20. In-Nutar Mallia xehdet li f'kull att pubblikat minnha, Josephine Mallia kienet konxja u ċerta dwar dak li riedet tagħmel[36]. Hekk xehdu wkoll oħt Josephine

[27] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Helen Borg, a fol.36.
[28] Ara x-xiehda tal-attur Antoine Mallia, a fol.38C.
[29] Fol.74.
[30] Ara x-xiehda ta' Dr Patrizia Mallia, a fol.66.
[31] Fol.366.
[32] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Helen Borg, a fol.36.
[33] Ara x-xiehda ta' Dr David Tanti, a fol.47.
[34] Fol.45.
[35] Ara x-xiehda ta' Dr David Tanti, a fol.49.
[36] Ara x-xiehda ta' Dr Patrizia Mallia, a fol.61.

Mallia, Mary Camilleri[37] u żewġha Vincent Camilleri[38], li anki qalu li l-konvenuti daru ħafna b'Josephine Mallia u li kien jixirqilhom jitħallsu ta' kemm għamlu magħha. Meta sar il-kontro-eżami ta' Mary Camilleri, din wieġbet li ma setgħet tiftakar xejn[39], iżda fil-kontro-eżami tiegħu Vincent Camilleri xehed li d-dikjarazzjoni li ħalef kienet ġiet preżentata lilu mill-konvenuti u xejn ma kien ġie diskuss miegħu. Huwa qal ukoll li ma kienx jaf li l-konvenuti rċevew xi flus mingħand Josephine Mallia[40]. Dan minkejja li d-dikjarazzjoni li ħalef kienet inqratlu u għalhekk kien avżat li din kienet tgħid mod'ieħor. Waqt il-kontro-eżami tiegħu, huwa qal li meta kien iltaqa' ma' Josephine Mallia din kienet tkun «mhux ħażin».

21. Xehed ukoll ir-Reverendu Jesmond Grech, li qal li kien ilu jaf lil Josephine Mallia snin twal, u kien baqa' jżurha għand il-konvenuti sakemm marret tgħix f'dar tal-anzjani. Huwa xehed li kien iqarbinha u jagħtiha l-qrar, u li għal dan iż-żmien, għalkemm saħħitha kienet batuta, mentalment kienet ċara u kienet taf x'qed tgħid[41].

22. L-atturi jgħidu li dwar il-Kuntratt u d-Donazzjoni huma ma kienu jafu xejn, u saru jafu biss wara li mietet Josephine Mallia u saru r-riċerki[42]. Mill-provi irriżulta li qabel it-Testment u d-Donazzjoni, Josephine Mallia wkoll kienet għamlet testment ieħor fl-atti tan-Nutar Christopher Gatt fis-26 t'Awwissu 2009[43], li permezz tiegħu ħalliet lill-konvenuti eredi tagħha, flimkien ma' ħutha l-oħrajn, iżda fi kwoti akbar.

Ikkunsidrat:

23. Illi kif diġà ġie rrilevat mill-Qorti aktar kmieni, l-atturi qegħdin jimpunjaw il-Kuntratt u d-Donazzjoni minħabba vizzji fil-kunsens ta' Josephine Mallia, kif ukoll għaliex skonthom l-istess atti huma simulati.

---

[37] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Mary Camilleri, a fol.250.
[38] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Vincent Camilleri, a fol.249.
[39] Fol.255.
[40] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Vincent Camilleri, a fol.256.
[41] Fol.377.
[42] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Helen Borg, a fol.36.
[43] Fol.405.

24. Fl-ebda parti tar-rikors ġuramentat tagħhom l-atturi ma jgħidu li Josephine Mallia ma kellhiex il-kapaċità mentali neċessarja biex tagħmel atti ċivili. Kemm hu veru, fl-ewwel talba minnhom dedotta fir-rikors ġuramentat li ta bidu lil dawn il-proċeduri, l-atturi talbu lil din il-Qorti tiddikjara li:

> …il-kunsens tad-defunta Josephine Mallia gie karpit b'eghmil doluz, bi vjolenza, theddid da parti tal-intimati u li l-kunsens ta' Josephine Mallia fl-imsemmi kuntratti gie moghti bi zball ta' fatt, kif ukoll li l-imsemmija atti pubblici huma simulati;

25. Dan għalhekk ifisser li l-Qorti m'għandhix tiddeċiedi dwar jekk Josephine Mallia kellhiex il-kapaċità mentali idonja biex tagħmel atti ċivili, la darba huwa prinċipju konsistentement applikat dak li fi proċeduri quddiem il-Qrati Superjuri, il-Qorti adita għandha toqgħod strettament mal-parametri tal-azzjoni li tkun ġiet dedotta quddiemha kif espressi fir-rikors ġuramentat. F'dan is-sens huma d-deċiżjonijiet ***Doris Grech vs. Valentino Valente noe*** (Appell Superjuri, 27 ta' Frar 2015) u ***Avukat Dottor Roberto Montalto noe vs. Edwin Bartolo et*** (Appell Superjuri, 28 t'April 2017), fost ħafna oħrajn.

26. Dan qed jingħad għaliex, minkejja dak miktub fir-rikors ġuramentat, il-provi f'din il-kawża ġew fil-parti l-kbira tagħhom, jekk mhux addirittura esklussivament, indirizzati fir-rigward tal-kapaċità mentali tal-imsemmija Josephine Mallia. U għad illi l-istat mentali tagħha jista' jkun rilevanti fil-kuntest tal-kawżali ta' impunjazzjoni li fuqhom hija bbażata din il-kawża, jibqa' l-fatt li l-istess kawża mhux se tiġi deċiża abbażi ta' dak l-istat mentali.

27. Ferm il-premess, huwa opportun li l-Qorti tqis l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenuti.

28. L-ewwel eċċezzjoni tagħhom hija fis-sens illi l-ġudizzju m'huwiex integru, billi Mary Camilleri m'hijiex parti fil-kawża.

29. Minkejja li din l-eċċezzjoni ġiet sollevata sa mill-bidu nett tal-kawża, mill-atti ma jirriżultax li l-atturi qatt indirizzawha.

30. Dan kien żball, għaliex din l-eċċezzjoni fil-verità tirriżulta fondata.

31. Kif intqal fid-deċiżjoni ***George Vigo vs. Nutar Dottor Vincent Gatt noe*** (Prim'Awla, 30 ta' Jannar 1958)[44]: «…*fi kwalunkwe ġudizzju għandu jipparteċipa kull min għandu interess fl-eżitu tiegħu, għaliex l-interess li jilleġittima l-preżenza ta' persuna f'kawża għandu jkun fl-eżitu tal-ġudizzju intiż dan l-interess mhux neċessarjament fis-sens li dik il-persuna tiġi kundannata jew liberata, imma wkoll fis-sens li l-istess persuna tkun tista' ssostni r-raġunijiet tal-attur jew tal-konvenut, jew tagħha stess differenti minn tat-tnejn, jew għall-wieħed jew l-ieħor, u tipprovoka deċiżjoni fil-limiti tal-azzjoni li tistabbilixxi ċerti fatti u ċerti drittijiet favorevoli jew kuntrarji għaliha, bla ma tkun liberata jew kundannata*».

32. L-atturi qiegħdin jimpunjaw testment kif ukoll kuntratt ta' donazzjoni. Huwa evidenti li f'ġudizzju bħal dan, iridu jkunu preżenti: (i) sa fejn jirrigwarda l-impunjazzjoni tat-Testment, il-persuni kollha fih imsejħa għall-wirt ; u (ii) sa fejn jirrigwarda d-Donazzjoni, il-partijiet kollha għal dak il-kuntratt. U l-partijiet għal dak il-Kuntratt kienu l-konvenuti u Josephine Mallia, u għalhekk il-jedd għall-azzjoni rexxissorja esperita mill-atturi għadda, skont l-artikolu 1225 tal-Kodiċi Ċivili, għand il-werrieta tagħha, li jinkludu wkoll l-istess Mary Camilleri.

33. Dan għalhekk ifisser li Mary Camilleri kellha tkun parti f'din il-kawża. Il-fatt li hija ma riditx tkun attriċi fil-kawża ma jbiddel xejn minn dan. Il-ħtieġa li hija tkun parti hija dettata wkoll minn dak li jipprovdi l-artikolu 237 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. F'każ li parti interessata f'ġudizzju partikolari ma tkunx trid tipparteċipa fih bħala attriċi, is-soluzzjoni m'hijiex li din titħalla barra mill-ġudizzju, iżda li tkun imħarrka wkoll bħala parti konvenuta (ara dwar każ analogu d-deċiżjoni ***Adelaide Ellul et vs. Modern Crown Stoppers Limited***, Appell Inferjuri, 12 ta' Novembru 2003).

---

[44] Kollezz. Vol.XLII.ii.886.

34. B'danakollu in-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju mhux difett fatali għall-azzjoni, billi l-ġurisprudenza issa ilha żmien iżżomm li tali difett jista' jiġi anki sanat mill-Qorti stess *ex officio* permezz tas-sejħa fil-kawża. Kemm hu hekk, ġie testwalment miżmum li:

> …tista' hekk tordnah ukoll *ex officio* din il-Qorti bis-setgħa li jagħtiha l-Artikolu 961 tal-Kapitolu 12, in kwantu kif deċiż drabi oħra, meta l-Qorti tirrikonoxxi n-neċessità tas-sejħa fil-kawża, d-diskrezzjoni tagħha ssir dover ("**Anthony Grech noe –vs- Kaptan Patrick Vella**", Qorti tal-Kummerċ, 22 ta' April 1974; "**Maria Pace et –vs- Avukat Dottor Giovanni Sammut et**", Appell Ċivili, 3 ta' Ġunju 1963). Dan dejjem għall-iskop affermat "*di integrare il procedimento coll' aggiunta dell' individuo che si riconosce avere interesse nello stesso*" ("**Carmelo Zebra Scicluna –vs- Antonio Zebra Scicluna**", Qorti tal-Kummerċ, 21 ta' Jannar 1919).[45]

35. Iżda qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tara hemmx din il-ħtieġa fil-każ odjern, tqis opportun li tkompli l-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-każ.

Ikkunsidrat:

36. Illi issa huwa opportun li l-Qorti tqis it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti, u ċjoè dik li tissolleva in-nullità tal-azzjoni minħabba li l-atturi ibbażawha fuq is-simulazzjoni u fuq vizzji fil-kunsens, liema kawżali huma irrikonċiljabbli u ma joqgħodux flimkien.

37. Huwa miżmum fid-dottrina illi:

> Il consenso carpito con dolo, ossia con inganno, non è valido ... e senza consenso valido non sorge negozio giuridico perfetto. Un vizio intrinseco preclude che il negozio possa produrre effetti giuridici. Ove le manovre fraudolenti siano usate da un estraneo, il negozio non è impugnabile, ma la vittima possiede un'azione di danni contro l'autore del dolo. L'inganno è unilaterale e proviene o da uno dei contraenti o da un estraneo. Nel negozio simulato, l'inganno è opera dei soggetti del rapporto e se ne servono per danneggiare altrui. Il consenso non è affetto

[45] ***Vincent Agius pro et noe vs Mario Borg et*** (Prim'Awla, 28 ta' Marzu 2003).

> da nessun vizio e il dissidio tra l'interno volere e la dichiarazione di volontà, è un fatto volontario dei contraenti.[46]

38. Kif tajjeb ġie mfisser fid-deċiżjoni ***Carmel Grima et vs. Saviour Grima et*** (Prim'Awla, 17 ta' Novembru 2014): «*Illi att ikun simulat meta, bil-volontà tal-persuni li jidhru fuqu, ikollu sinifikat apparenti divers minn dak li realment ikollu. Simulazzjoni neċessarjament timporta l-fatt li l-partijiet ikunu konsapevoli ta' dak li jkunu qed jagħmlu fil-kuntratt. Għalhekk il-kunsens tal-partijiet fuqu ikun validu, madanakollu jkun qed isir bil-kunsens tagħhom it-tnejn b`mod falz*». Dan kuntrarjament għall-każ fejn jiġi allegat vizzju tal-kunsens minħabba għemil doluż, jew minħabba żball jew vjolenza; hemmhekk, il-kunsens ta' wieħed mill-kontraenti mhux validu għaliex vizzjat. F'termini prattiċi, il-kontraent imqarraq, żbaljat jew mhedded ta l-kunsens tiegħu għal att differenti minn dak li kien qed jifhem li kien qed jagħti l-kunsens tiegħu dwaru. Fis-simulazzjoni, iż-żewġ kontraenti qablu dwar negozju ġuridiku partikolari, iżda qablu wkoll li jagħtu lin-negozju maqbul apparenza esterjuri differenti biex jiġu ngannati terzi.

39. F'dan is-sens għalhekk din il-Qorti tikkondividi dak miżmum fid-deċiżjoni ***Flavia mart Saviour Cassar et vs. Carmelo Muscat et*** (Appell Superjuri, 14 ta' Novembru 2011) u ċjoè:

> Jidher ċar li l-atturi ma kellhom ebda ħjiel la li kien hemm simulazzjoni u anqas li kien hemm xi għemil qarrieqi jew xi vjolenza morali jew xort'oħra, u sempliċiment għamlu l-kawża biex isservi biss bħala mezz ta' investigazzjoni biex jippruvaw isibu xi ħaġa li tista' twassal għar-rexxissjoni tal-kuntratt, dak li fit-tradizzjoni legali Ngliża nsibuha bħala *a fishing expedition*. Kieku ma kienx hekk l-atturi ma kienux jiddeduċu kawżalijiet li effettivament jeskludu lil xulxin. L-ewwel ipotesi tagħhom tipprospetta sitwazzjoni fejn il-partijiet fuq il-kuntratt deliberatament u konsapevolment ingħaqdu bejniethom sabiex jaħbu n-natura vera tan-negozju ġuridiku li kienu qed jidħlu għalih waqt li t-tieni ipotesi tipprospetta sitwazzjoni fejn waħda mill-partijiet ġiet mqarrqa mill-oħra jew fejn il-kunsens ta' wieħed mill-partijiet ġie karpit bi vjolenza morali u pressjoni da parti tal-parti l-oħra, żewġ ipotesijiet, dawn l-aħħar, li huma wkoll fihom infushom kontradittorji. Il-konfużjoni, imbagħad, tkompli tikber u taggrava ruħha għaliex l-ipotesijiet prospettati fiċ-ċitazzjoni ġew hekk prospettati mhux fl-

[46] ***Butera***, Della Simulazione nei Negozi Giuridici e degli atti 'in fraudem legis' (Torino, 1936), §16.

> alternattiv iżda fil-kumulattiv. Iżda kemm jekk it-talbiet tal-atturi jitqiesu bħala tlett azzjonijiet distinti prospettati fl-alternattiv kemm jekk jitqiesu bħala azzjoni kumulattiva waħda b'diversi kawżalijiet kontradittorji, dan kollu jqiegħed lill-konvenuti fl-impossibilita` li jiddeterminaw x'qegħdin jippretendu bil-preċiż l-atturi u jqiegħed lill-konvenuti f'pożizzjoni prekarja li ma jkunux jafu x'linja ta' difiża jintraprendu mingħajr ma jippreġudikaw il-pożizzjoni tagħhom.

40. Bl-istess mod, fid-deċiżjoni ***Carmena Muscat vs. Frank Said et*** (Prim'Awla, 14 ta' Diċembru 2012) ġie wkoll miżmum li l-kawżali tas-simulazzjoni hija inkompatibbli ma' kawżali oħrajn radikati fuq il-vizzju fil-kunsens, bid-differenza li f'din id-deċiżjoni l-Qorti tat lill-attriċi l-opportunità li tagħżel fuq liema kawżali kellha titkompla l-azzjoni tagħha.

41. Fil-każ odjern, huwa evidenti li l-kawżali tas-simulazzjoni ġiet improprjament użata mill-atturi. Biss biss il-Qorti diffiċilment tista' tifhem kif testment – li dejjem jinvolvi l-espressjoni ta' volontà ta' persuna waħda – jista' jkun simulat. Għalhekk hija sejra tqis li l-kawżali tas-simulazzjoni hija, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, eskluża mill-premessi tar-rikors ġuramentat stess, u minflok se tqis li l-azzjoni hija nulla, kif iridu l-konvenuti, se tqis dik l-azzjoni bħala mibnija biss fuq il-kawżali tal-vizzju tal-kunsens.

42. Din is-soluzzjoni hija simili għal dik imħaddma minn din il-Qorti, kif impoġġija, fid-deċiżjoni tagħha *in re* ***Charles O'Flaherty vs. Nicole Dalli Grech et***, mogħtija fit-3 ta' Marzu 2025.

43. Għalhekk it-tielet eċċezzjoni se tiġi milqugħa, b'dan li l-azzjoni mhux se titqies nulla kif eċċepit.

Ikkunsidrat:

44. Illi jmiss issa li tiġi kkunsidrata r-raba' eċċezzjoni, li trid li l-azzjoni tal-atturi tiġi dikjarata nulla għaliex biha qed jiġu impunjati Testment u Donazzjoni, meta għall-impunjazzjoni ta' dawn l-atti jgħoddu regoli differenti.

45. Din l-eċċezzjoni mhux fondata.

46. Fid-deċiżjoni ***Joseph F. Spiteri pro et noe vs. Salvatore Guillaumier pro et noe*** (Kummerċ, 25 ta' Frar 1964)[47] ġie miżmum li:

> …infatti hu magħruf li domandi jistgħu jiġu kumulati biex jiġu evitati ġudizzji iżjed milli hemm bżonn però dejjem kompatibilment mal-eżiġenzi tal-każ u meta dana l-kumulu ma jfissirx trattazzjoni differenti għaliex ikun hemm dika l-konnessjoni bejn ir-rapporti interċedenti bejn l-attur u d-diversi konvenuti, derivanti mill-istess titolu u mill-istess oġġett tal-kontestazzjoni, li jissuġġerixxu trattazzjoni unika u kwindi ġudizzju uniku…

47. L-istess fehma kienet ukoll espressa fid-deċiżjoni ***Mary Bezzina et vs. Joseph Vella et*** (Appell Superjuri, 29 t'Ottubru 1999)[48].

48. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti illum, it-Testment u d-Donazzjoni impunjati f'din il-kawża saru fl-istess jum, u qed jiġu impunjati għall-istess raġunijiet. Huwa evidenti li l-ġudizzju jinteressa lill-istess persuni u huwa bbażat fuq l-istess provi, anki jekk ir-regoli li jirregolaw l-impunjazzjoni ta' kuntratt m'humiex identiċi għal dawk li jirregolaw l-impunjazzjoni ta' testment. Id-differenza iżda m'hijiex tali li tinneċessita li d-domandi ta' nullità rispettivi jsiru b'ġudizzji separati. Anzi l-identiċità tal-provi u taċ-ċirkostanzi li fihom saru l-atti impunjati jissuġġerixxu li jkun għaqli li jingħata ġudizzju wieħed, sabiex tiġi evitata l-possibilità ta' sentenzi kunfliġġenti.

49. Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat:

50. Illi niġu issa għall-meritu.

51. Eżaminati l-provi, il-Qorti jidhrilha li minnufih tista' tgħid li l-atturi bl-ebda mod ma ippruvaw il-fondament tal-azzjoni tagħhom.

---

[47] Kollezz. Vol.XLVIII.iii.1379.
[48] Mhux pubblikata.

52. Nibdew billi nqisu l-vizzju tal-kunsens minħabba vjolenza u theddid.

53. Il-ġurisprudenza tagħna invarjabbilment qieset li sabiex vjolenza tirrivesti l-karattru ta' vizzju tal-kunsens, trid tkun determinanti, inġusta u gravi. Fid-deċiżjoni ***Rosario Bartolo vs. Giovanni Bartolo*** (Prim'Awla, 14 ta' Novembru 1935)[49], il-Qorti qieset li, «*Fil-kodiċi moderni hemm disposizzjoni simili għal dik tal-art. 684*[50] *tal-liġi tagħna, li tikkonsidra bħala estort bil-vjolenza l-kunsens meta din hija ta' natura tali illi tagħmel impressjoni fuq persuni raġjonevoli, u tkun tali li tinġenera biża' li tesponi inġustament il-persuna tagħha, jew il-ġid tagħha, għal dannu gravi; u li għandhom jiġu meħudin in konsiderazzjoni l-età, is-sess u l-kondizzjonijiet tal-persuni*». Fil-każ imsemmi, il-Qorti eskludiet il-vizzju tal-kunsens stante vjolenza morali minħabba theddida li jekk l-attur ma jiffirmax, il-konvenuti kienu se jtuh xebgħa u jaħbtu għalih. Fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawża ***Vincent Cachia vs. Carmelo Cachia et*** (15 ta' Frar 1957)[51] ġie ritenut hekk:

> Skond l-imsemmija disposizzjoni tal-art. 1021[52] tal-Kodiċi Ċivili, il-kunsens jiġi vizzjat minħabba vjolenza fil-każi hemm kontemplati u fuq riferiti, billi f'dik l-evenjenza dak li jkun ma jkunx liberu li jagħżel jew li jagħmel dak li jixtieq, iżda biex jevita dannu gravi lill-persuna tiegħu, jew lill-parenti prossimi tiegħu, jew lill-konjuġi tiegħu, jew lill-ħwejġu, jagħżel u jagħmel dak li jrid ħaddieħor, u konsegwentement tonqos il-libertà fl-azzjoni tiegħu, li għalhekk ma tista' qatt tkun volontarja;
>
> omissis
>
> Illi, kif ingħad fuq, hemm il-vjolenza li tivvizzja l-kunsens meta t-testatur ma jkunx liberu li jagħżel u jagħmel dak li jixtieq, imma biex jevita l-minaċċja ta' dannu gravi, kif fuq speċifikat, jagħżel u jagħmel dak li jrid ħaddieħor. Iżda, kif irriteniet din il-Qorti fit-22 ta' Mejju 1931 in re "Tirchett vs. Mangion" (Vol. XXVIII-I-74), "da tale stato si deve ben discernare l'animo di colui che, pur divisando di fare una data operazione, viene spinto o persuaso a fare altra diversa a fine di accontentare chi lo persuade, come quando trattasi di coniugi: l'una delle volte, pur

[49] Kollezz. Vol.XXIX.II.749.
[50] Illum l-art.978.
[51] Kollezz. Vol.XLI.I.83.
[52] Illum l-artikolu 978.

> desiderando di fare una cosa, sceglie l'altra per assecondare la volontà dell'altro coniuge. Quell'atto sarebbe liberamente voluto da chi l'avesse compiuto. Nè vale il dire daparte di chi l'avesse cosi eseguito, che ciò compi contro la propria volontà; poichè egli in quel momento fu libero di scegliere quell'atto o uno diverso, ma solo scelse quello per contentare, come nel caso, la moglie, e per vivere in pace e non avere dei contrasti con lei. Ciò però non può mai assurgere a quella violenza morale o timore richiesto dalla legge"

54. Riferenza ssir ukoll għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawża ***Saviour sive Silvio Calleja vs. Margaret Buttigieg*** (12 ta' Diċembru 2002), fejn ukoll ġiet riġettata pretensjoni ta' kunsens vizzjat bi vjolenza fejn il-persuna li allegat tali vizzju kienet inerti għall-aħħar, u ddikjarat li ffirmat il-ftehim biss "biex teħles minnhom".

55. Fil-każ odjern, minn imkien ma rriżulta x'kienet it-theddida jew il-vjolenza li l-konvenuti suppost eżerċitaw fil-konfront ta' Josephine Mallia. Wisq inqas ma jirriżulta li seħħet xi theddida jew xi vjolenza tali li tirrivesti l-karattru li trid il-liġi sabiex tkun sostnuta talba għar-rexxissjoni ta' kuntratt jew għat-tħassir ta' testment.

56. Il-provi juru li Josephine Mallia riedet tiffavorixxi lill-konvenuti fit-trażmissjoni tal-ġid tagħha. Kemm hu veru, it-Testment u d-Donazzjoni ma kienux l-uniċi atti magħmula minn Josephine Mallia li permezz tagħhom iffavoriet lill-konvenuti. It-testment magħmul fl-atti tan-Nutar Christopher Gatt fis-26 t'Awwissu 2009 kien ukoll jitratta lill-konvenuti b'mod aktar favorevoli mill-werrieta l-oħra. Bl-atti impunjati, jidher li l-laxxiti superjuri li Josephine Mallia riedet tagħmel favur il-konvenuti żdiedu. Dan però jirriżulta li huwa konsistenti mar-rieda tagħha kif espressa preċedentement, u liema rieda ġiet manifestata quddiem żewġ nutara pubbliċi differenti, kif ukoll quddiem ix-xhieda tal-istess atti.

57. Ma jirriżultax li Josephine Mallia kienet soġġetta għal vjolenza jew theddid meta esprimiet il-kunsens tagħha. Il-fatt waħdu li fiż-żmien li hija esprimiet dak il-kunsens kienet tabita mal-konvenuti żgur li mhux biżżejjed biex il-Qorti tasal tgħid li hija kienet minaċċjata minnhom. Imbagħad wieħed ma jridx jinsa li Mallia

ma baqgħetx tgħix mal-konvenuti, u marret toqgħod għal żmien f'dar tal-anzjani u sussegwentement f'San Vinċenz de Paule. Hekk kif ma baqgħetx tgħix mal-konvenuti, hija setgħet, kieku riedet, tagħmel atti oħrajn sabiex tħassar it-testment li skont l-atturi sar taħt theddid u vjolenza. Dan m'għamlitux, u huwa l-akbar prova li, fil-verità, ma kien hemm ebda vjolenza jew theddid.

58. Din il-kawżali għalhekk hija bla ebda fondament.

59. L-atturi jgħidu wkoll li l-kunsens ta' Josephine Mallia kien vizzjat minħabba żball.

60. L-artikolu 976 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

> 976.(1) L-iżball dwar il-fatt ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta jaqa fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim.
> (2) Il-ftehim ma jkunx null jekk l-iżball jaqa' biss fuq il-persuna li magħha jkun sar il-ftehim, ħlief meta l-għażla ta' dik il-persuna tkun il-kawża ewlenija ta' dak il-ftehim.

61. Kif ġie spjegat minn ***Giorgi***: «*Definiamo l'errore, una difformità fra le idee della nostra mente e l'ordine delle cose*[53]*…Quando il legislatore si accinge a dettare le norme, secondo cui l'errore può essere causa di rescindere un contratto, gli fa mestieri avere innanzi agli occhi due postulati fondamentali. Cioè a dire: 1º che l'errore può invalidare ragionevolmente il consenso, purchè costituisce il motivo determinante del contratto, per modo che il contraente non avrebbe concluso l'accordo, se avesse conosciuta la verità; 2º che sebbene in cosiffatta ipotesi l'errore meriti riparazione, deve aversi pure benigno riguardo alle condizione dell'altro contraente; il quale affatto ignaro dell'altrui errore vede a suo danno e senza colpa sua, svanire un credito o un diritto qualsiasi…*»[54].

62. Il-provi prodotti fl-atti ta' din il-kawża mkien ma juru li meta Josephine Mallia għamlet il-Kuntratt u t-Testment hija kienet qed taġixxi b'effett ta' żball dwar is-sostanza tal-imsemmija atti. Anzi jidher li hija kienet konsapevoli minn dak li kienet qegħda tagħmel, tant li d-Donazzjoni kienet tinneċessita atti preparatorji

[53] Teoria delle Obbligazioni, Vol.IV, §39.
[54] Teoria delle Obbligazioni, Vol.IV, §42.

kompriż il-likwidazzjoni ta' investimenti li saru wkoll preċedentement għall-pubblikazzjoni. In-Nutar Mallia xehdet li hija qrat it-Testment u l-Kuntratt lil Josephine Mallia, u dan hu kkonfermat mix-xiehda ta' Dr David Tanti, li kien xhud taż-żewġ atti pubblikati dakinhar.

63. L-atturi għalhekk naqsu għal kollox milli jippruvaw l-iżball, u għalhekk anki din il-kawżali hija infondata.

64. L-aħħar kawżali li jonqos li tiġi eżaminata hija dik tal-għemil doluż.

65. Dwar l-għemil doluż li jikkostitwixxi vizzju tal-kunsens għal kuntratt, jgħodd l-artikolu 981(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi li: «*L-egħmil doluż huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta*».

66. Hija ġurisprudenza ormai paċifika illi «*Biex il-qerq jolqot il-kunsens tal-parti f'kuntratt u jħassar is-siwi tal-istess kunsens, jeħtieġ li (a) jitħaddmu mezzi jew atti qarrieqa; (b) li jkunu fihom infushom gravi (c) b'mod li jkunu determinanti għan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet, u (d), fuq kollox, li tali mezzi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-oħra. Biex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta' dehen ordinarju ma jagħrafx li jkun ġie mqarraq u jkun ghamil li jmur lil hinn minn ftaħir eżaġerat dwar xi kwalita' tal-oġġett tan-negozju, u li kieku ma kienx għal dak il-qerq, kieku ma kienx jidħol fin-negozju in kwestjoni*»[55].

67. Min-naħa l-oħra il-qerq jew l-għemil doluż li jwassal għat-tħassir ta' testment huwa regolat minn prinċipji ftit differenti.

68. Ir-regola ġenerali mfissra fl-artikolu 596(1) tal-Kodiċi Ċivili hija li: «*Dawk kollha li mhumiex magħduda inkapaċi taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi, jistgħu jiddisponu jew jirċievu b'testment*». Issa skont l-artikolu 597(b) tal-istess Kodiċi: «*Huma inkapaċi li jiddisponu b'testment: ... (b) dawk li, għalkemm mhux interdetti, ma jkunux kapaċi li jifhmu jew li jkollhom volontà, jew li, minħabba xi*

[55] ***George Portelli et vs. Ivan John Felice*** (Prim'Awla, 28 ta' Lulju 2004).

*difett jew ħsara, ma jkunux kapaċi, ukoll permezz ta' interpreti, li jesprimu r-rieda tagħhom*».

69. Ġie awtorevolment spjegat kif ġej:

> Gli interpreti antichi, trattando della materia testamentaria, fanno cenno frequente della *suggestione* e della *captazione*.
> Come dimostreremo appresso, dicevansi disposizioni suggestive quelle, che si carpivano al testatore per domande e risposte, e testamento suggestivo era quello, che constava interamente di tali disposizioni.
> Si chiamavano invece captatorie quelle disposizioni, che taluno carpiva a proprio o ad altrui favore coll'esca di altri disposizioni fatte al beneficiato[56].
> ...
> Ma poi le dette due parole insieme accoppiate, vennero assunte a significare tanto il *dolo buono*, quanto il *dolo malo*. Nel primo caso non viziavono il testamento, nel secondo lo rendevono nullo. Era grave punto di disputa il determinare fin dove giungesse il *dolo bono* e da qual punto incominciasse il *dolo malo*. Tuttavia colle parole «suggestione e captazione» si era più inclinati ad attribuirvi un senso sfavorevole. Con tali paroli si volveva significare quel complesso di artifizi, di rigiri, di manovre, colle quali si sorprendeva la buona fede del testatore e lo si induceva a testare per sè o per altri. Se mancavano tali artifizi, la disposizione non si riteneva *suggestiva* o *captatoria*.
> ...
> La dottrina e giurisprudenza francese e l'italiana questo pure ritennero, ed ammisero l'impugnativa del testamento per suggestione e captazione soltanto come una varietà dell'azione di nullità per causa di dolo: in altri termini, fu ritenuto che la suggestione e la captazione producono la invalidità del testamento, della istituzione o del legato, sempre che fossero effetto di dolosi maneggi; e, sebbene non sia mancata qualche sentenza notevole che ebbe a decidere il contrario, nullameno questa non potè fare stato.
> Si sono ritenuti estremi della suggestione: 1° l'uso di mezzi illeciti; 2° che questi mezzi, come causa ad effetto, abbiano determinato la disposizione; in altri termini, si è richiesto il *dolo determinante*.[57]

70. Jgħid ***Demolombe***: «*Il dolo è parimente una causa di nullità delle donazioni tra vivi e dei testamenti, quando venga dimostrato che la liberalità ne è il prodotto,*

[56] Dwar dan, issir riferenza wkoll għal ***Pothier***, Opere (Livorno, 1841), Vol.III (Trattato dei Testamenti), paġna 559.
[57] ***Vitale***, Il Diritto Civile Italiano: Delle Successioni Legittime e Testamentarie, Vol.I, §§714-716.

*e che non avrebbe avuto luogo senza i rigiri frodolenti adoperati per circonvenire ed ingannare la volontà del disponente... Primamente affermiamo, che i semplici fatti di suggestione e di captazione non potrebbero formare di per sè cause di nullità. Ciò torna manifesto, quando i fatti che ebbero luogo offrano un carattere di buona fede e di onestà... Indubitamente non potrebbesi vietare il suggerire; val dire inspirare ad una persona la idea, il divisamento di una liberalità, che forse non le sarebbe venuta spontaneamente in mente... Neppure èvvi cosa alcuna da censurare o riprendere apparentemente nella liberalità, la quali formi la ricompensa delle disinteressate cure, della sincera amicizia onde una persona seppe attirarsi la benevolente riconsoscenza del disponente!... Ma non pertanto èvvi un limite! e la suggestione e la captazione divengono cause di nullità, quando si trovino accompagnate da rigiri dolosi e frodolenti; o piuttosto allora la vera causa della nullità è il dolo, di cui la suggestione e la captazione sono i mezzi e gli artifizii»*[58]. Huwa utili wkoll l-insenjament ta' ***Pacifici Mazzoni***, li jispjega:

> La verità è che la captazione e la suggestione non sono che forme, che specie di dolo, e sono quindi soggette alle stesse regole generali o particolari che in genere governano il dolo. In altri termini, i mezzi di captazione e suggestione debbono esser tali, che senza di essi il testatore non avrebbe fatto l'atto testamentario impugnato. Ove al contrario cosi grave carattere non abbiano, e perciò non abbiano potuto influire con tanto effetto sullo spirito del testatore, la disposizione testamentaria non ne sarà punto pregiudicata.
>
> La quistione è di fatto, da decidersi perciò dal giudice col suo prudente arbitrio, considerate tutte le loro circostanze. Fra queste circostanze deve essere considerato specialmente lo stato di mente del disponente; sia per determinare la maggiore o minore possibilità in cui siasi trovato di soggiacere a dolose captazioni e suggestioni, sia per giudicare l'effetto di queste sulla sua mente inferme o debole; imperciocchè in generale tale effetto è in ragione inversa della sanità e fortezza di spirito dell'individuo.[59]

71. Il-ġurisprudenza tagħna wkoll ħaddnet il-prinċipji esposti minn dawn il-kittieba u li jsawwru d-duttrina legali kontinentali. Fid-deċiżjoni ***Canonico Decano Don***

[58] Corso del Codice Civile (Napoli, 1877), Vol.IX, §§382-386.
[59] Il Codice Civile Italiano Commentato, Vol.VI, §57.

***Luigi Albanese ed altri vs. Luigi Borg***, Prim'Awla, 27 ta' Mejju 1872)[60] intqal: «*Che secondo la legge non i suggerimenti, ma le suggestioni artificiose, dolose e fraudolenti sono espressamente dalla legge vietate, perchè tolgono alla volontà la sua libertà*». Għalhekk li xi ħadd jipperswadi lit-testatur sabiex jagħmel testment b'mod minflok ieħor ma jikkostitwiex kaptazzjoni fis-sens tal-liġi, għaliex ir-rieda tat-testatur, anki jekk frott ta' persważjoni, ma kinitx imġiegħla (ara f'dan is-sens ***Kan. Dekan Francesco Camilleri et vs. Salvina Camilleri***, Appell Superjuri, 19 ta' Mejju 1947)[61].

72. Fid-deċiżjoni ***Paolo Schembri ed altri vs. Maria nata Galea ed altri*** (Prim'Awla, 16 t'Ottubru 1883)[62] intqal hekk:

> ... è la rea astuzia, la menzogna, le reticenze frodolenti, i fatti artificiali intesi ad ingannare, il dolo malo praticato col fine e con mezzi idonei di far sostitituire la propria alla volontà del testatore, di strappare da lui una volontà non libera; del pari che una violenza atta a produrre una impressione perturbatrice, e che realmente avesse servito di causa finale della disposizione testamentaria: tali e simili sarebbero le manovre, i raggiri riprovati dalla legge civile, e che meritamente renderebbero indegno il gratificato col testamento di ricevere le cose a favor suo disposte...
>
> Attesocchè cosi è da tenere di una mera ingegnosità, e dicasi pure un artifizio giudizioso, pari al cosi detto *dolus bonus*, ove pure avesse tanto influenzato l'animo del testatore, che senza di esso non si sarebbe indotto a far testamento, od a cambiare uno già fatto, non si direbbe che abbia *costretto* il testatore, ma che l'abbia *persuaso*.

73. Anki aktar riċentement, l-istess prinċipji ġew ikkonfermati mill-ġdid. Fid-deċiżjoni ***Victoria Xuereb vs. Joseph Refalo et*** intqal: «*Jista' jkun minnu illi l-konvenuti, xi ftit jew wisq, użaw l-influenza tagħhom fuq id-decujus biex jikkonvinċuha tiffavorixxi lilhom minħabba s-servizzi li kienu qed jirrendulha, imma kif ikompli jispjega l-Furgole, iċċitat għal darb'oħra mil-Laurant : "I libri dei romani, egli dice, sono ripieni di esempi che ci mostrano mezzi piu' o meno disonesti adoperati per carpire delle liberalita', come affettazione di rendere dei*

---

[60] Kollezz. Vol.VI.224.
[61] Kollezz. Vol.XXXIII.i.73.
[62] Kollezz. Vol.X.251.

*servigi, i doni, le assiduita', le compiacenze, le amicizie finte ed altre vie oblique disapprovate da quanti si vantavano onesti; le liberalita' cosi' ottenute non vennero mai annulate; al contrario essi si trovano confermate lodevoli perche' ispirati, ad una ragione di sordido interesse; tuttavia non son illeciti, perche' non hanno stretta relazione col dolo e colla frode; ora non bisogna perdere di vista che il dolo soltanto puo' fare della captazione una causa di nullita' . Lo stesso e' a dirsi della suggestione, essa non e' che una persuasione, un ispirazione, un consiglio . Fintanto che il sollecitare si limita a blandizie, a servigi, a preghiere, fossero anche importune, la volonta' del disponente resta cio' non pertanto libera; solo la menzogna e la frode corrompono l'animo e viziano la volonta' " (cap. V. sez. III. nn. 15, 25, 26, 36)*»[63]. U għad-distinzjoni bejn is-suġġestjoni illeċita u dik permissibbli fil-liġi, tista' ssir riferenza għad-deċiżjoni ***John Pace noe et vs. Carmela Chircop*** (Prim'Awla, 4 ta' Ġunju 1964)[64].

74. Huwa min jallega l-frodi u l-għemil doluż li huwa fid-dmir li jippruvahom, u dan irid jagħmlu permezz ta' provi ċari u konklussivi. Kif intqal fid-deċiżjoni ***Avukat Dottor Robert Zammit vs. Costantino Abela et*** (Appell Superjuri, 7 ta' Diċembru 2023): «*Illi l-liġi tagħna titlob li l-prova tal-qerq issir mill-parti li tallega l-qerq, li wkoll trid turi li l-parti l-oħra kellha l-fehma jew intenzjoni li tqarraq. Fuq kollox, «l'accertamento del dolo come vizio del consenso deve essere preciso e rigoroso, e non può essere affidato a semplici induzioni o presunzioni od a criteri di verosimiglianza.»*»

75. Anki taħt din il-kawżali, il-provi huma skarni. Il-Qorti ma tistax tgħid li l-atturi rnexxielhom juru li l-konvenuti wettqu xi aġir li bih qarrqu b'Josephine Mallia, b'mod li nduċewha tagħmel il-Kuntratt u d-Donazzjoni.

76. Eżaminati s-sottomissjonijiet magħmula mill-atturi, il-Qorti jidhrilha li dawn huma kollha bażati fuq konġettura u suppożizzjonijiet li ma jelevaw qatt ruħhom 'il fuq minn suspetti.

[63] Qorti tal-Maġistrati, Għawdex, Ġurisdizzjoni Superjuri, 23 t'Ottubru 2007, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu 2010.
[64] Kollezz. Vol.XLVIII.ii.989.

77. Kif diġà ġie osservat aktar kmieni, l-impunjazzjoni tat-Testment u tad-Donazzjoni m'humiex bażati fuq ir-raġuni tal-infermità mentali ta' Josephine Mallia. B'danakollu l-eżistenza jew ineżistenza ta' dik l-infermità għandha wkoll ir-rilevanza tagħha, senjatament fil-kuntest tal-kawżali tal-qerq. Dan għaliex il-qerq li jrid jiġi adoperat sabiex jiġi dirottat il-kunsens ta' persuna bil-fakultajiet mentali sħaħ irid ikun ferm akbar minn dak neċessarju fil-konfront ta' persuna b'fakultajiet ridotti (ara f'dan is-sens ***Vincent Cachia vs. Carmelo Cachia et,*** Appell Superjuri, 15 ta' Frar 1957)[65].

78. Iżda l-provi ma jurux li Josephine Mallia kellha fakultajiet mentali ridotti. Huwa minnu li l-marda li ħakmitha laqtet b'mod deterjoranti l-fakultajiet fiżiċi tagħha, b'mod li l-mobilità tagħha bdiet dejjem tonqos. Din l-istess marda però ma jidhirx li naqqset jew addirittura eskludiet il-fakultajiet mentali tagħha. Kemm hu hekk, fis-sena 2009 hija kienet invistata minn psikjatra li kkonferma li l-fakultajiet mentali tagħha kienu <u>intatti</u>, u dan ġie kkonfermat minn ċertifikat mediku ieħor magħmul minn Dr David Tanti. L-istess konferma saret minn dan it-tabib meta saru l-atti impunjati, kif ukoll meta saret id-donazzjoni tat-30 ta' Jannar 2012. Donazzjoni din li fiha kienu partijiet benefikati l-attriċi Helen Borg u missier l-atturi l-oħrajn, u dan il-fatt jikkontradixxi bi kbir l-asserzjonijiet tagħhom dwar il-fakultajiet mentali ridotti ta' Josephine Mallia. Asserzjonijiet li ma ġew korraborati minn ebda xhud jew prova oħra f'dawn l-atti.

79. Fis-sottomissjonijiet tagħhom l-atturi jsostnu wkoll li l-konvenuti qarrqu b'Josephine Mallia għaliex induċewha tagħmel ċertu liberalitajiet fil-konfront tagħhom bħala ħlas ta' serviġi li huma kellhom irendu, u li wara li saru l-atti impunjati f'din il-kawża, huma bagħtu lil Josephine Mallia tgħix f'dar tal-anzjani u waqfu jagħtu s-serviġi li għalihom kienu tħallsu bil-quddiem.

80. Din is-sottomissjoni iżda ma tgħinx lill-atturi.

81. Ibda biex il-fatt waħdu li Josephine Mallia ma baqgħetx tgħix mal-konvenuti ma jfissirx li s-serviġi waqfu. Ifisser biss li dawk is-serviġi aktarx naqsu, però l-grad

---

[65] Kollezz. Vol.XLI.i.83.

ta' tnaqqis huwa wieħed ta' provi. Il-provi juru li serviġi baqgħu jingħataw, konsistenti prinċipalment mill-amministrazzjoni ta' ħwejjeġ Josephine Mallia. Jekk il-konvenuti naqsu f'dik l-amministrazzjoni, ir-rimedju huwa ieħor, mhux dak dedott b'din il-kawża.

82. Hekk ukoll, u la darba l-Qorti sabet li fuq il-provi, jirriżulta li Josephine Mallia kellha fakultajiet mentali intatti, wieħed għandu jifhem li jekk il-konvenuti naqsu milli jagħmlu dak li wegħdu lil Mallia, din kellha kull opportunità li tħassar it-Testment. Dan però ma sarx.

83. Fuq kollox, il-fatt li persuna tkun induċiet persuna oħra biex tagħmel testment jew donazzjoni favur tagħha, versu l-prestazzjoni ta' serviġi futuri, li mbagħad ma jiġux reżi, ma jikkostitwix neċessarjament għemil doluż li jwassal għall-annullament tal-att impunjat. Kif ġie spjegat fid-deċiżjoni ***Giovanni Farrugia Gay vs. Emmanuele Farrugia Gay*** (Prim'Awla, 3 ta' Mejju 1921)[66]:

> Che come è risaputo il dolo è causa di nullità del contratto in quanto toglie o vizia il consenso, ma a costituirlo occorrono indispensabilmente gli estremi dell'illecito fine col danno altrui, dell'uso di mezzi illeciti e proibiti, e di essere tali mezzi la causa determinante del contratto. Da altra parte a costituire i raggi di cui all'Art. 678 Ordinanza VII, 1868, non basterebbe il fatto di un predominio acquistato ed esercitato da una persona sull'altra per indurla al contratto, ma occorre un elemento specifico costituito dalle false rappresentazioni, dagli artifizi fraudolenti, dallo inganno, usati quale mezzo per raggirare la scarsa intelligenza dell'altro contraente… E quindi per conseguire la nullità di una convenzione per dolo e captazione, occorre si provino fatti gravi e precisi di callidità, di fallacia, di artifizi colpevoli, capaci ad allontanare la ragione ed a sopraffare la volontà di uno dei contraenti…

84. Mhux hekk biss, imma biex ikun hemm għemil doluż li jannulla l-kuntratti jew it-testmenti jrid jintwera l-użu ta' «…*mezzi foloz u diżonesti adoperati "scienter"*» (***Joseph Mifsud noe vs. Paul Tanti***, Prim'Awla, 4 ta' Frar 1965)[67].

[66] Kollezz. Vol.XXIV.ii.578.
[67] Kollezz. Vol.XLIX.ii.722.

85. Dan ifisser li biex l-atturi jirnexxielhom fl-azzjoni tagħhom, huma kellhom juru mhux biss li d-Donazzjoni u t-Testment saru b'mod determinanti versu l-wegħda magħmula mill-konvenuti dwar serviġi li kienu għadhom iridu jiġu reżi, iżda wkoll li fil-mument li saret dik il-wegħda, il-konvenuti xjentement kellhom fi ħsiebhom li ma josservawx dik il-wegħda.

86. Il-provi ma juru xejn minn dan.

87. Ibda biex kemm fid-Donazzjoni u kemm fit-Testment, Josephine Mallia iddikjarat li d-dispożizzjonijiet li kienet qed tagħmel favur il-konvenuti kienu qed isiru minnha bħala kumpens u rikonoxximent ta' serviġi reżi lilha minnhom fil-passat, fil-preżent u dawk li se jkomplu jipprestawlha fil-futur. Għalhekk is-serviġi futuri, jew il-wegħda tagħhom jekk saret, ma kienux il-kawża determinanti tal-atti impunjati, għaliex kif tifhimha l-Qorti, il-kawża prinċipali li ddeterminat li Josephine Mallia tagħmel l-istess atti kienet il-fatt tas-serviġi diġà reżi.

88. Lanqas ma ġie ippruvat li Josephine Mallia għamlet l-atti impunjati abbażi ta' xi wegħda jew promessa tal-konvenuti dwar serviġi futuri. Wisq inqas saret il-prova li meta saret din il-wegħda, il-konvenuti kellhom f'moħħhom li ma jżommuhix, u li allura dik il-wegħda saret b'qerq u tikkostitwixxi l-artifizju frawdolenti li mingħajru l-għemil doluż ma jista' qatt jissussisti.

89. Fl-aħħar nett, hija opportuna r-riferenza għad-deċiżjoni ***Mario Galea vs. Carmelo Borg et*** (Appell Inferjuri, 6 ta' Frar 2008), fejn ġie miżmum hekk:

> Dan premess, ma jistax ikun dubitat illi r-rekwiżit ta' l-adegwatezza tal-mezz użat u dak ta' l-*animus decipiendi* jridu jiġu valutati bil-metru tad-diliġenza ordinarja u dak tal-bwon sens tal-kontro-parti. Mhux biżżejjed, per eżempju, illi dan ikun emmen jew għamel affidament fuq id-dikjarazzjoni tal-parti l-ieħor b' inġenwita. Kif tajjeb ritenut mill-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana (6 ta' Frar, 1982, Numru 683), "*per aversi dolo come causa di annullamento del contratto, l' adeguatezza di mezzi 'ad decipiendum alterum' va rapportata alla normale diligenza ed al normale buon senso di cui la contraparte deve essere fornita perche ne sia tutelabile l' affidamento, in quanto la buona fede riceve*

> *protezione solo se non sia costituita da negligenza o ignoranzia*"

90. Għalhekk anki kieku wieħed kellu jikkonċedi li tassew Josephine Mallia għamlet id-Donazzjoni u t-Testment abbażi ta' wegħda ta' serviġi futuri li saret b'qerq mill-konvenuti, jibqa' l-fatt li dik il-wegħda fiha nnifisha ma kinitx biżżejjed biex titqies bħala raġġir frawdolenti tali li jivvizzja l-kunsens. Dan għaliex il-qerq irid ikun eżerċitat b'mod talment gravi li jwassal biex l-imqarraq jiġi ndott jissupponi l-eżistenza ta' ċirkostanzi li mingħajrhom ma kienx jikkontratta, u li l-eżistenza tagħhom huwa ma setax jivverifika bl-applikazzjoni tad-diliġenza ordinarja (ara ***Anthony Piscopo vs. Charles Filletti et***, Prim'Awla, 16 ta' Ġunju 2003). Xejn ma żamm lil Josephine Mallia milli tagħmel id-Donazzjoni u t-Testment dipendenti fuq l-eżekuzzjoni ta' serviġi futuri, jekk tassew din il-wegħda kienet daqshekk determinanti għall-formazzjoni tal-kunsens tagħha għall-atti impunjati. Il-fatt li dan ma sarx juri biss li dik il-wegħda ma kinitx daqshekk determinanti daqs kemm jgħidu l-atturi.

91. Din il-konklużjoni tal-Qorti hija ulterjorment fortifikata mill-fatt li matul iż-żmien kollu li ġie wara li Josephine Mallia ma baqgħetx tgħix mal-konvenuti, ma jirriżultax li din qatt ħadet xi azzjoni jew imqar protestat ruħha ma' xi ħadd dwar il-fatt li l-konvenuti naqsu milli jżommu l-wegħda tagħhom. Ħaġa li kienet wisq naturali li ssir kieku tassew ġara li l-konvenuti daħku biha kif jgħidu l-atturi.

92. Għalhekk anki l-kawżali dwar l-għemil doluż u l-qerq tirriżulta bla fondament.

93. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tilqa' l-ewwel eċċezzjoni;

(ii) tilqa' t-tielet eċċezzjoni, b'dan li ma ssibx li l-azzjoni hija nulla u insostenibbli u minflok tqis li l-kawżali tas-simulazzjoni hija eskluża mill-premessi tar-rikors ġuramentat stess u għalhekk ma tqisx aktar dik il-kawżali;

(iii) tiċħad ir-raba' eċċezzjoni;

(iv) tilqa' l-ħames, is-sitt u s-seba' eċċezzjonijiet;

(v) tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi, bl-ispejjeż kontrihom.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Deputat Reġistratur